FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' SETTEMBRU,

Avv Nru.272/96

It-Tabib Principali tal-Gvern

vs

Joseph Camilleri

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Gunju, 1996, fejn premess illi fid-19 ta' Ottubru, 1995, waqt li Joseph Pace kien qed isuq Ambulanza bin-numru M-Ø767, f'Lascaris Wharf, Valletta, Joseph Camilleri, il-konvenut, kien qed isuq "truck" bin-numru ta' registrazzjoni A-1354; u

Premess illi Joseph Camilleri bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna hsarat fl-ambulanza; u

Illi ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' April, 1996, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Intalab li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall incident de quo u li jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tad-danni kkagunati fl-imsemmi incident.

Ra r-risposta tal-konvenut li fiha qal li fid-19 ta' Ottubru, 1995, kien qed isuq il-vettura A-1354 fil-mina ta' Lascaris, Valletta, fid-direzzjoni tal-Belt, Valletta. Pace kien qed isuq il-vettura M-Ø767 fid-direzzjoni opposta. Qal li peress li fit triq hemm xi hofor, huwa gibed lejn il-karreggjata opposta biex jevitahom bil-konsegwenza li habat mal-konvenut. Ghalhekk il-konvenut ma kellu ebda tort, izda unikament tort l-istess J.Pace, li tieghu qed tintalab il-kjamata fil-kawza.

Semgha x-xhieda tas-sewwieq tal-ambulanza Joseph Pace, u tal-konvenut Joseph Camilleri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha jirrizulta ex admissis dak li qed jghid il-konvenut, u cioe' illi l-attur gibed il-barra biex jevita xi hofor li kien hemm fit-triq fil-karreggjata tieghu.

Gie nutat li l-konvenut, li kien qed isuq Van Transit, kien qed isuq fil-karregjata tieghu.

Ma hemmx dubju li l-manuvra intentata minn Pace kienet il-kawza tal-incident. Jigi rilevat fir-rigward li l-vetturi missew bi zbrixx ma' xulxin, u l-van transit ma kellux danni.

It-Tribunal ma jistghax ma jirrimarkax fuq in-nuqqas assolut tal-prova rigwardanti id-danni. Jirrizulta li l-ambulanza ma ssewwietx, u li lanqas ma hemm survey dwar l-entita' tad-danni.

Fic-cirkostanzi it-Tribunal hu tal-fehma li ma hemmx lok ghall-kjamat fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi illi jichad t-talba attrici.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.